MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2012

Numru. 1088/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**

**VS**

**KENNETH ELLUL**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Ellul detentur tal-karta tal-identita` numru 444374 (M).

Akkuzat talli:

Fit-30 ta` Ottubru 2008, matul il-jum ikkommetta serq ta` diversi oggetti minn gewwa l-fond numru 44, Triq Annibale Preca, Lija, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u

bil-valur li jeccedi s-somma ta` € 2,330 u li sehh ghad-deteriment ta` John Fenech Adami;

Kif ukoll talli fl-4 ta` Novembru 2008 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta` wara nofs inhar, gewwa l-fond numru 103A, Triq tal-Borg, Paola, ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta` wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li dan kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dan is-servizz;

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

U finalment ukoll talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b’diversi sentenzi mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe l-Artikoli 261(b) (c) (e), 263 (a), 264 (1), 265, 266, 267, 269 (g), 278 (3), 279 (b), 280 (2), 281, 95 (1), 96 (a), 49, 50, 51, 289, 17, 23, 31, 533.

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat u wara li semghet it-trattazzjoni taz-zewg partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet deddoti kontra tieghu ma jhallu ebda alternattiva lil din il-Qorti hlief li ssib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih.

Illi, fir-rigward tal-piena, din il-Qorti wara li hadet inkonsiderazzjoni is-sussegwenti fatti:

i. Illi l-imputat kien dipendenti fuq id-droga ghal diversi snin twal, illum irnexxielu li jigi liberat minn dan il-vizzju tad-droga kompletament u qieghed jghix hajja normali billi jirrintegra ruhu fis-socjeta` u jghix barra l-kriminalita`;

ii. Illi l-imputat gab ruhu b'mod tajjeb u diligenti tul il-perjodu kollu li kien in detenzjoni u, ghalhekk, fil-fehma ta` din il-Qorti, qieghed jindika r-rieda tieghu li jerga` jidhol b'mod regolari fil-hajja normali;

iii. Illi l-imputat qieghed irabbi tifel ta` eta` zghira. Din qieghdha turi lill-Qorti il-volonta` tieghu sabiex jigi ghan-normal, jifforma familja u jghix hajja normali;

iv. Illi parti mir-rifurtiva giet rikoverata. Skond l-imputat dak li gie rikoverat huwa dak kollu li huwa kien originarjament seraq;

v. Illi l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat u;

vi. Illi l-Qorti rat dawn ir-rapporti u dawn ix-xhieda:

1. Id-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta` Kordin Abraham Zammit li xehed fit-28 ta` Novembru 2011;

2. Il- Pre-sentencing Report tal-Probation Officer Joanna Farrugia ipprezentat ukoll fit-28 ta` Novembru 2011 illi, fra l'altro, jghid illi:

"Biss fil-prezenti, jidher illi f'din l-ahhar sena l-imputat ghamel progress konsiderevoli f'dan ir-rigward, kif ukoll l-andament tieghu gewwa l-habs."

Joanna Farrugia tirrakomanda perjodu sostanzjali ta` probation;

3. Il-Program Report redatt mis-Social Worker Clara Attard:

"Mr Ellul always attended the sessions and he used them appropriately and tackled issues such as the need to have a structured life, his son's needs and the need for personal growth. Adding to this, Mr Ellul claimed that he would be very much interested and willing to keep in contact with our service in order to continue receiving support once out of the community."

Illi din il-Qorti jidhrilha li ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u dan minhabba r-ragunijiet su esposti u wara li tiddikjara li tali applikazzjoni hija permessa bil-ligi.

Illi ghal dawn il-motivi u, nonostante l-akkuza ta` recediva wkoll giet ipprovata, izda li wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha vigenti, qieghdha tikkunndannah ghall-terminu ta` prigunerija ghall-perjodu ta` sentejn (2) mill-llum izda tordna illi dan il-perjodu ma jibdiex isehh sakemm, fiz-zmien ta` erba` (4) snin mil-llum, l-imputat jinstab hati ta` reat iehor li jgib mieghu terminu ta` prigunerija u dan a tenur tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------